REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 892/2008

tat-12 ta' Settembru 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 950/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati ta' applikazzjoni għassnin tal-kummerċ 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 għall-importazzjoni u r-raffinar tal-prodotti taz-zokkor skond ċerti kwoti tariffarji u ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [titlu mhux uffiċjali] ([1]), u partikolarment l-Artikolu 40(1)(e)(iii) tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjonijiet 2007/626/KE ([2]) u 2007/627/KE ([3]) il-Kunsill iddeċieda li, f'isem il-Komunità, tirtira l-Ftehim ma' l-Indja dwar iz-zokkor tal-kannamiela ("Ftehim mal-Indja") ([4]), u l-Protokoll 3 dwar iz-Zokkor tal-Istati AKP li jidher fil-Konvenzjoni ta' Lomé bejn l-AKP u l-KEE ffirmata fit-28 ta' Frar 1975 u d-dikjarazzjonijiet korrispondenti mehmuża ma' dik il-Konvenzjoni, li jinsabu fil-Protokoll 3 mehmuż ma' l-Anness V għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([5]) ("Protokoll 3 fuq iz-zokkor tal-Istati AKP"), rispettivament, b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2009. Għalhekk, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 ([6]) jeħtiġilhom jiġu adattati sabiex tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni legali l-ġdida.

(2) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 ta' l-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ([7]), jiftaħ kwoti tar-rati tariffarji addizzjonali għall-prodotti tat-titolu tat-tariffa 1701 għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009. Ir-Regolament (KE) Nru 950/2006 għalhekk jeħtieġlu wkoll jiġi adattat fid-dawl ta' dawk il-kwoti addizzjonali.

(3) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ġunju 2006. Sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu, ġie ffirmat u konkluż Ftehim Interim li jkopri l-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra ([8]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2006. Il-konċessjonijiet kummerċjali bilaterali fuq in-naħa tal-Komunità huma ekwivalenti għall-konċessjonijiet applikabbli fi ħdan il-miżuri awtonomi unilaterali tal-kummerċ skond ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000. Madankollu, id-definizzjonijiet fl-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 għandhom jikkunsidraw din is-sitwazzjoni legali ġdida.

(4) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, kif ukoll il-Bożnija u Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ġunju 2008. Sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu, ġie ffirmat u konkluż Ftehim Interim li jkopri l-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra ([9]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008. Il-konċessjonijiet kummerċjali bilaterali fuq in-naħa tal-Komunità huma ekwivalenti għall-konċessjonijiet applikabbli fi ħdan il-miżuri awtonomi unilaterali tal-kummerċ skont ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000. Madankollu, id-definizzjonijiet fl-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 għandhom jikkunsidraw din is-sitwazzjoni legali ġdida.

(5) L-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jiddetermina l-ewwel perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni. Għall-perjodu tat-tqassim bejn l-1 ta' Lulju 2009 u t-30 ta' Settembru 2009, għandu jingħata biżżejjed żmien lill-operaturi sabiex jorganizzaw il-kummerċ. Għalhekk l-ewwel perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandu jibda mill-ewwel wara l-pubblikazzjoni tal-obbligi għat-tqassim għal dak il-perjodu.

(6) Il-Protokoll 3 fuq iz-zokkor tal-AKP u l-Ftehim mal-Indja mhux se jibqa' jorbot lill-Komunità wara t-30 ta' Settembru 2009. Għalhekk, it-talbiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jiġu ppreżentati sa mhux iktar tard mit-18 ta' Settembru 2009. L-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 għandu jiġi emendat skond dan.

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 255, 29.9.2007, p. 37.
([3]) ĠU L 255, 29.9.2007, p. 38.
([4]) ĠU L 190, 23.7.1975, p. 36.
([5]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
([6]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1.
([7]) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.
([8]) ĠU L 239, 1.9.2006, p. 2.
([9]) ĠU L 169, 30.6.2008, p. 10.

(7) F'każ fejn l-applikazzjonijiet tal-liċenzji jilħqu jew jaqbżu l-kwantità ta' wieħed mill-obbligi tat-tqassim, l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jipprovdi għall-iffissar ta' koeffiċjent ta' allokazzjoni mill-Kummissjoni. Ladarba l-Protokoll 3 fuq iz-zokkor tal-AKP u l-Ftehim ma' l-Indja ma jibqax jorbot lill-Komunità wara t-30 ta' Settembru 2009, il-flessibiltà provduta għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għaz-zokkor tal-AKP/tal-Indja m'għandhiex tapplika għall-aħħar żewġ perjodi ta' tqassim. Il-komunikazzjoni ta' kwantitajiet li huma importati u li tidher fl-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 hija użata biex jiġi kkalkulat it-trasferiment ta' kwantitajiet eċċessivi eventwali għall-perjodu tat-tqassim li ġej. Iż-żmien ta' skadenza għal din il-komunikazzjoni huwa ta' tliet xhur u għalhekk l-informazzjoni meħtieġa għall-kalkolu mhix se tkun disponibbli. Għalhekk, fil-każ fejn l-applikazzjonijiet tal-liċenzja jilħqu jew jaqbżu l-kwantità ta' wieħed mill-obbligi tat-tqassim għall-perjodu tat-tqassim 2008/2009 u l-perjodu tat-tqassim bejn l-1 ta' Lulju 2009 u t-30 ta' Settembru 2009, hemm bżonn li jiġi ffissat koeffiċjent ta' allokazzjoni.

(8) L-Artikolu 50(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 129/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistipula regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ċertifikati għall-iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli [1], għandu japplika, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, fir-rigward ta' l-importazzjonijiet taz-zokkor tal-AKP/tal-Indja fir-rigward tal-perjodu tat-tqassim bejn l-1 ta' Lulju 2009 u t-30 ta' Settembru 2009. Għalhekk, id-deroga minn dik id-dispożizzjoni pprovduta fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006, m'għandhiex tapplika fir-rigward ta' dak il-perjodu għat-tqassim.

(9) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni jeħtieġu l-indikazzjoni tal-perjodu għat-tqassim fil-kaxxa 20 tagħhom. Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandu jissemma b'mod speċifiku l-perjodu għat-tqassim bejn l-1 ta' Lulju 2009 u t-30 ta' Settembru 2009.

(10) Il-preferenzi kummerċjali mhux reċiproċi li jinsabu fl-Anness V għall-Ftehim ta' Sħubija ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 bejn il-membri tal-grupp ta' Stati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, skadew fil-31 ta' Diċembru 2007. Għalhekk, l-evidenza tal-oriġini maħruġa skont l-Artikolu 14 tal-Protokoll 1 mehmuż ma' l-Anness V għall-Ftehim tas-Sħubija AKP-KE m'għadux japplika għall-pajjiżi li mhumiex inklużi fl-Anness 1 għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007. Madankollu, il-preferenza mogħtija skont il-Protokoll 3 dwar iz-zokkor tal-AKP tibqa' tapplika sat-30 ta' Settembru 2009. Għalhekk, fil-ħin tal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għaz-zokkor tal-AKP/tal-Indja, għandu jiġi ppreżentat ukoll dokument maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' esportazzjoni. Kif kien s'issa, il-pajjiżi li jesportaw għandhom jibqgħu joħorġu dokument li jkun differenti mil-liċenzja ta' esportazzjoni msemmija fl-Artikoli 16(2) u 21(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006. Għalhekk, għandhom isiru dispożizzjonijiet għall-possibbiltà li jinħareġ dokument alternattiv bħal dan ibbażat fuq l-istess mudell bħala l-prova tal-oriġini maħruġa fil-passat.

(11) L-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jiddetermina l-validità tal-liċenzji ta' l-importazzjoni għaz-zokkor tal-AKP/tal-Indja. Fir-rigward tal-perjodu għat-tqassim li jibda fl-1 ta' Lulju 2009, id-data li fiha tibda l-validità ta' tliet xhur għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għar-raffinar, għandha titressaq għall-1 ta' Lulju 2009 sabiex tirrifletti l-fatt li dan il-perjodu ta' tqassim 2008/2009 se jintemm fit-30 ta' Settembru 2009.

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 407/2008 tas-7 ta' Mejju 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea [2] ineħħi lill-Montenegro mil-lista tal-benefiċjarji tal-konċessjonijiet tariffarji previsti fl-Artikolu 4(4) tiegħu. L-Artikolu 28 u l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 950/2006 għandu jiġi emendat skond dan.

(13) L-esperjenza miksuba fl-ewwel sentejn tal-ġestjoni tal-produzzjoni barra mill-kwota, u b'mod speċjali z-zokkor industrijali, turi bżonn għall-flessibbiltà kemm għall-produtturi kif ukoll għall-proċessuri taz-zokkor industrijali. Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 sabiex tiġi determinata l-kwantità taz-zokkor industrijali li għalih l-applikazzjoni tad-dazji ta'l-importazzjoni kollha jew parti minnhom trid tiġi sospiża, m'għadhomx jinħtieġu u għandhom jiġu mħassra.

(14) Jekk il-liċenzja ta' importazzjoni għall-importazzjoni taz-zokkor industrijali tiġi trasferita, l-obbligu biex jiġu pproċessati l-kwantitajiet importati fil-prodotti msemmija fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 967/2006 għandhom jibqgħu għand min kellu l-liċenzja tal-importazzjoni fil-bidu. L-Artikolu 6(4) għandu jiġi emendat skond dan.

(15) It-talbiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu ristretti għal proċessuri taz-zokkor industrijali. Proċessuri bħal dawn mhux bilfors ikunu involuti fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi provduta deroga korrispondenti mill-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ġestiti minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni [titlu mhux uffiċjali] [3].

[1] ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1.

[2] ĠU L 122, 8.5.2008, p. 7.

[3] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

(16) Ladarba l-importazzjoni taz-zokkor industrijali tista' tintuża biss għal skopijiet ta' produzzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 967/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 rigward il-produzzjoni taz-zokkor li jaqbeż il-kwota [1], id-dispożizzjonijiet fuq il-ġestjoni tal-materja prima industrijali u l-obbligi fuq il-proċessuri stabbiliti minn dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-kwantitajiet importati.

(17) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007, il-kwoti tar-rati tariffarji addizzjonali disponibbli skont dik id-dispożizzjoni għandhom jinqasmu bejn ir-reġjuni skond il-kwantitajiet li jridu jiġu determinati skond il-ftehimiet li jikkwalifikaw ir-reġjuni jew stati għall-inklużjoni fl-Anness I għal dak ir-Regolament. Il-bidu ta' dawn il-ftehimiet bejn ċerti reġjuni u stati, minn naħa, u l-Komunità Ewropea, min-naħa l-oħra, ikkwalifika dawn ir-reġjuni u stati għall-inklużjoni fl-Anness I imsemmi. Il-kwantitajiet tal-kwoti tar-rati tariffarji addizzjonali huma determinati f'dawn il-ftehimiet.

(18) Dawk il-kwoti tar-rati tariffarji addizzjonali għandhom jinfetħu u jiġu amministrati skont ir-Regolament (KE) Nru 950/2006. Għalhekk huwa xieraq li jingħataw il-kwantitajiet lill-pajjiżi, jew reġjuni, suġġetti għall-prekundizzjoni li dawk il-pajjiżi huma msemmija fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1528/2007. Kwantitajiet bħal dawn jistgħu jingħataw lil pajjiżi speċifiċi fihom infushom kif ukoll bħala parti minn reġjun. Ċerti speċifiċitajiet li jirrigwardaw l-informazzjoni li għandu jkun hemm fl-applikazzjonijiet tal-liċenzji u fil-liċenzji nfushom għandhom jiġu stabbiliti.

(19) Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għal esportazzjonijiet li mhumiex preferenzjali ġew użati biex japplikaw għall-liċenzji ta' l-importazzjoni preferenzjali. Għalhekk, il-liċenzja ta' l-esportazzjoni msemmija fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 950/2006 għandha turi b'mod ċar li l-liċenzja tirrigwarda l-esportazzjonijiet taz-zokkor preferenzjali lill-UE.

(20) Ir-Regolament (KE) Nru 950/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(21) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 950/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(i) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 (*),

(j) L-Artikolu 14(2) tal-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Albanija min-naħa l-oħra (**)

(k) L-Artikolu 12(3) tal-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Bożnija Ħerzegovina min-naħa l-oħra (***)

(*) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.
(**) ĠU L 239, 1.9.2006, p. 2.
(***) ĠU L 169, 30.6.2008, p. 10.".

(b) Il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-kwantitajiet importati skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(c) sa (k) (minn hawn 'il quddiem imsemmija 'kwoti tariffarji'), u bid-dispożizzjonijiet imsemmija f'punti (a) u (b) ta' dak il-paragrafu (minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala 'obbligi tat-tqassim') għas-snin tal-kummerċ 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 għandu jkollhom in-numri tal-ordni tal-kwota jidhru fl-Anness I.".

(2) L-Artikolu 2, huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (d) jinbidel b'dan li ġej:

"(d) 'Iz-zokkor tal-Balkani' ifisser prodotti taz-zokkor li jidħlu fil-kodiċi NM 1701 u 1702 li joriġinaw fl-Albanija, fil-Bożnija Ħerzegovina, fis-Serbja, fil-Kosovo, f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jew fil-Kroazja, u importati fil-Komunità skont ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000, il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u tal-Assoċjazzjoni mar-Repubblika tal-Kroazja, il-ftehim Interim fuq il-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea minn naħa u r-Repubblika tal-Albanija fuq in-naħa l-oħra, u l-ftehim Interim fuq il-kummerċ u kwistjonijiet rrelatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea fuq naħa u l-Bożnija Ħerzegovina fuq l-oħra,";

(b) il-punt (i) jinbidel b'dan li ġej:

"(i) 'il-perjodu tat-tqassim' ifisser il-perjodu definit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll tal-AKP u fl-Artikolu 4 tal-Ftehim mal-Indja. Madankollu, fir-rigward tal-perjodu tat-tqassim li jibda fl-1 ta' Lulju 2009, 'il-perjodu tat-tqassim' ifisser il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2009 u t-30 ta' Settembru 2009, id-data li fiha l-Protokoll tal-AKP u l-Ftehim mal-Indja ma jibqgħux jorbtu lill-Komunità,";

[1] ĠU L 176, 30.6.2006, p. 22.

(ċ) il-punt li ġej jiġi miżjud:

"(p) 'Iz-zokkor addizzjonali tal-EPA' ifisser zokkor li jidħol fil-kodiċi CN 1701 li joriġina f'reġjuni u stati li huma msemmija fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1528/2007.".

(3) Fl-Artikolu 4(5), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Għall-perjodu tat-tqassim li jibda fl-1 ta' Lulju 2009, l-ewwel perjodu għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandu jibda nhar it-Tnejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jiddetermina l-obbligi tat-tqassim għal dan il-perjodu.

Għaz-zokkor tal-AKP/tal-Indja, l-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandu jkun it-18 ta' Settembru 2009.".

(4) Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(3), tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Madankollu, dan is-subparagrafu m'għandux japplika għall-perjodu tat-tqassim 2008/2009 u l-perjodu tat-tqassim li jibda fl-1 ta' Lulju 2009.".

(5) Fl-Artikolu 6(4), it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"L-obbligi għall-importazzjoni, għar-raffinar jew għall-ipproċessar taz-zokkor industrijali impurtat mhumiex trasferibbli.".

(6) Fl-Artikolu 15(3), is-subparagrafu li ġej huwa miżjud:

"Madankollu, dan is-subparagrafu m'għandux japplika għall-perjodu tat-tqassim 2008/2009 u l-perjodu tat-tqassim li jibda fl-1 ta' Lulju 2009.".

(7) L-Artikolu 16, huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 punt (c) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(ċ) fil-kaxxa 20: Il-perjodu tat-tqassim li jirrigwardahom jew għall-perjodu tat-tqassim li jibda fl-1 ta' Lulju 2009, ir-referenza għal 'l-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Settembru 2009' u mill-inqas waħda mill-annotazzjonijiet fil-parti A tal-Anness III",

(b) il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Mal-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għandu jkun hemm l-liċenzja oriġinali ta' l-esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jesporta skond il-mudell fl-Anness II għall-kwantità daqs dik fl-applikazzjoni għal-liċenzja. Din il-liċenzja ta' esportazzjoni tista' tinbidel ma' kopja ċertifikata, maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' esportazzjoni, taċ-ċertifikat taċ-ċaqliq EUR.1 ibbażat fuq il-mudell stabbilit fl-Anness IIa għall-pajjiżi koperti mill-Protokoll AKP jew l-evidenza tal-oriġini li tinsab fl-Artikolu 18 għall-Indja.";

(ċ) Is-subparagrafu li ġej huwa miżjud fil-paragrafu 3:

"Għall-perjodu tat-tqassim li jibda fl-1 ta' Lulju 2009, il-liċenzji għaz-zokkor għar-raffinar tal-AKP/tal-Indja għandhom ikunu validi sat-30 ta' Settembru 2009 jew fil-każ tal-liċenzji maħruġa mill-1 ta' Lulju 2009, sal-aħħar tat-tielet xahar wara dak li fih ġew maħruġa.".

(8) Fl-Artikolu 17 il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Ma' l-importazzjoni, l-awtoritajiet tad-dwana jirċievu dokument li jkollu:

(a) ta' l-inqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fil-parti A tal-Anness III;

(b) id-data tal-embarkazzjoni tal-merkanzija u l-perjodu tat-tqassim ikkonċernat;

(ċ) is-subintestatura tan-NM għall-prodott konċernat.

2. Id-dokument imsemmi fil-paragrafu 1 li fih id-deskrizzjoni taz-zokkor li jidħol fil-kodiċi NM 1701 99 jista' jintuża, fejn hu xieraq, għall-importazzjoni taz-zokkor li jidħol fil-kodiċi NM 1701 11.".

(9) Punt (a) tal-Artikolu 21(2) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) l-oriġinali tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jesporta jew wieħed mill-pajjiżi li jesportaw skond il-mudell fl-Anness II għall-kwantità daqs dik fl-applikazzjoni għal-liċenzja. Din il-liċenzja ta' esportazzjoni tista' titbiddel ma' kopja ċertifikata, maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jesporta, taċ-ċertifikat taċ-ċaqliq EUR.1 ibbażat fuq il-mudell fl-Anness IIa għall-pajjiżi koperti mill-Protokoll AKP jew l-evidenza tal-oriġini li tinsab fl-Artikolu 23 għall-Indja.".

(10) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1) jinbidel b'dan li ġej:

"Ma' l-importazzjoni, l-awtoritajiet tad-dwana jirċievu dokument li jkollu:".

(11) Fl-Artikolu 28(2), it-tielet inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"— Is-Serbja inkluż il-Kosovo 180 000 tunnellata,".

(12) Fl-Artikolu 30, il-paragrafu 2 jitħassar.

(13) Jiġu mdaħħla l-Artikoli 30a sa 30d li ġejjin:

"*Artikolu 30a*

Il-prodotti importati bħala zokkor industrijali tal-importazzjoni għandhom jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 967/2006 (*).

Artikolu 30b

B'deroga tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għaz-zokkor industrijali tal-importazzjoni jistgħu jiġu ppreżentati mill-proċessuri biss fis-sens tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 967/2006.

Artikolu 30c

L-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament (KE) Nru 967/2006 għandhom japplikaw għall-importazzjonijiet taz-zokkor industrijali tal-importazzjoni.

Artikolu 30d

1. Proċessur għandu jipprovdi evidenza, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, li l-kwantitajiet importati bħala zokkor industrijali tal-importazzjoni intużaw għall-għanijiet tal-produzzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 967/2006 u skont l-approvazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 967/2006. L-evidenza għandha tikkonsisti fl-irrekordjar kompjuterizzat fir-rekords waqt jew fi tmiem il-proċess tal-produzzjoni tal-kwantitajiet tal-prodotti kkonċernati.

2. Jekk il-proċessuri ma jkunux fornew l-evidenza msemmija fil-paragrafu 1 sa tmiem is-seba' xahar wara x-xahar ta' l-importazzjoni, għandhom iħallsu, għal kull jum ta' dewmien, somma ta' EUR 5 għal kull tunnellata tal-kwantità kkonċernata.

3. Jekk il-proċessuri ma jkunux fornew l-evidenza msemmija fil-paragrafu 1 sa tmiem id-disa' xahar wara x-xahar ta' l-importazzjoni, il-kwantità kkonċernata għandha titqies li hija sovraddikjarata fis-sens tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 967/2006.

(*) ĠU L 176, 30.6.2006, p. 22.".

(14) Jiddaħħal il-Kapitolu VIIIa li ġej:

"KAPITOLU VIIIa

IZ-ZOKKOR EPA ADDIZZJONALI

Artikolu 31a

Il-kwantitajiet disponibbli taħt il-kwoti tar-rati tariffarji addizzjonali miftuħa għall-prodotti bl-intestatura tat-tariffa 1701 għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009 skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 għandhom jiġu allokati kif ġej:

— Il-Komoros, il-Madagaskar, il-Mawrizju, is-Seychelles, iż-Żimbabwe	75 000 tunnellata,
— Il-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija, l-Uganda	15 000 tunnellata,
— Is-Sważiland	30 000 tunnellata,
— Il-Możambik	20 000 tunnellata,
— Antigwa u Barbuda, il-Baħamas, il-Barbados, il-Beliże, ir-Repubblika Domenikana, Grenada, il-Gujana, Ħaiti, il-Ġamajka, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis, Santa Luċija, San Vinċenz u l-Grenadini, is-Surinam, it-Trinidad u Tobago	30 000 tunnellata,
— Ir-Repubblika Domenikana	30 000 tunnellata,
— Il-Fiġi, il-Papwa Ginea l-Ġdida	30 000 tunnellata.

Artikolu 31b

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni u l-liċenzji għandu jkollhom l-annotazzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-kaxxa 8: il-pajjiż jew pajjiżi tal-oriġini li jridu jissemmew fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1528/2007, il-kelma 'iva' trid tkun immarkata b'salib;

(b) fil-kaxxi 17 u 18: il-kwantità f'zokkor abjad b'piż ekwivalenti, li ma jistax jaqbeż il-kwantità tal-bidu prevista fl-Artikolu 31a;

(ċ) fil-kaxxa 20: tal-inqas waħda mill-annotazzjonijiet fil-parti J tal-Anness IV għal dan ir-Regolament.

2. Ma' l-applikazzjonijiet għal-liċenzja ta' l-importazzjoni għandu jkun hemm l-oriġinali tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jesporta jew wieħed mill-pajjiżi li jesportaw skond il-mudell fl-Anness II għal dan ir-Regolament għal kwantità daqs dik li hemm fl-applikazzjoni għal-liċenzja. Din il-liċenzja ta' l-esportazzjoni tista' tinbidel ma' kopja ċertifikata maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jesporta, tal-evidenza tal-oriġini msemmija fit-Titolu IV tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007."

(15) L-Annessi għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) L-Anness I huwa emendat skond l-Anness I għal dan ir-Regolament.

(b) L-Anness II huwa emendat skond l-Anness II għal dan ir-Regolament.

(ċ) L-Anness IIa jiddaħħal li test tiegħu hu stipulat fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

(d) L-Anness III huwa emendat skond l-Anness IV għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 950/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) It-tabella li tirrigwarda z-zokkor tal-Balkani tinbidel b'dan li ġej:

"In-numri tas-serje għaz-zokkor tal-Balkani

PAJJIŻI TERZI	Numru tas-serje
L-Albanija	09.4324
Il-Bożnja u Ħerzegovina	09.4325
Is-Serbja u l-Kosovo	09.4326
L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	09.4327
Il-Kroazja	09.4328"

(2) It-tabella li ġejja ġiet miżjuda:

"In-numri tas-serje għaz-zokkor Addizzjonali tal-EPA

PAJJIŻI TERZI	Numru tas-serje
Il-Komoros, il-Madagaskar, il-Mawrizju, is-Seychelles, iż-Żimbabwe	09.4431
Il-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija, l-Uganda	09.4432
Is-Sważiland	09.4433
Il-Możambik	09.4434
Antigwa u Barbuda, il-Baħamas, il-Barbados, il-Beliże, ir-Repubblika Domenikana, Grenada, il-Gujana, Ħaiti, il-Ġamajka, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis, Santa Luċija, San Vinċenz Vincent u l-Grenadini, is-Surinam, it-Trinidad u Tobago	09.4435
Ir-Repubblika Domenikana	09.4436
Il-Fiġi, il-Papwa Ginea l-Ġdida	09.4437"

ANNESS II

"ANNESS II

Il-liċenzja mudell ta' l-esportazzjoni msemmija fl-Artikoli 16(2), 21(2)(a), 29(2) u 31b(2)

1. L-esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ORIĠINALI** 3. Is-sena tal-kummerċ jew il-perjodu tat-tqassim	2. **Le**
4. L-importatur (isem, indirizz sħiħ, il-pajjiż) (fakultattiv)	**LIĊENZJA GĦAZ-ZOKKOR PREFERENZJALI** **ESPORTAZZJONI GĦALL-UE**	
5. Il-post u d-data tat-tagħbija - mezz tat-trasport (fakultattiv)	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Pajjiż destinatarju
	8. Dettalji addizzjonali	

9. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	10. Il-kodiċi CN (in-numru)	11. Il-kwantità (kg)
12. IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORIT À KOMPETENTI		
13. L-awtorità kompetenti (l-isem, l-indirizz sħiħ, il-pajjiż)	Fi: ..... (firma)	Fi: ..... (firma)"

Anness III

"Anness IIa

Il-mudell għaċ-ċertifikat taċ-ċaqliq EUR.1 imsemmi fl-Artikoli 16(2) u 21(2)(a)

<table>
<tr><td colspan="2">1. L-esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)</td><td colspan="2">EUR.1 Nru A 000.000</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="2"></td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td colspan="2">2. Iċ-ċertifikat użat fil-kummerċ preferenzjali bejn

U

(daħħal il-pajjiżi xierqa, il-gruppi ta' pajjiżi jew territorji)</td></tr>
<tr><td colspan="2">3. Id-destinatarju (isem, indirizz sħiħ, il-pajjiż) (fakultattiv)</td><td>4. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew territorju fejn il-prodotti huma kkunsidrati li joriġinaw</td><td>5. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew it-territorju tad-destinazzjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">6. Id-dettalji tat-trasport (fakultattiv)</td><td colspan="2">7. Rimarki</td></tr>
<tr><td colspan="2">8. Iln-numru ta' l-oġġett; Il-marki u n-numri; In-numru u t-tip ta' imballaġġ (1); Deskrizzjoni ta' l-oġġetti</td><td>9. Il-massa grossa (kg) jew kejl ieħor (litri, m^3, eċċ.)</td><td>10. Il-fatturi (fakultattiv)</td></tr>
<tr><td colspan="2">11. L-APPROVAZZJONI TAD-DWANA

Id-dikjarazzjoni ċertifikata

Id-dokument ta' l-esportazzjoni (2)

Formula Nru .....
L-uffiċċju tad-Dwana .....
Pajjiż jew territorju tal-ħruġ .....
.....
Data .....

(Firma)</td><td>TIMBRU</td><td colspan="2">12. DIKJARAZZJONI TA' L-ESPORTATUR

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikkjara li l-oġġetti kollha deskritti hawn fuq jissodisfaw il-kundizzjonijiet mitluba sabiex jinħareġ dan iċ-ċertifikat

Post u data .....
.....

(Firma)</td></tr>
<tr><td colspan="4">(1) Jekk l-oġġetti ma jkunux ippakkjati, indika n-numru ta' l-oġġetti jew iddikkjara 'bil-grossa' kif xieraq.
(2) Imla biss jekk ir-regolamenti tal-pajjiż jew territorju li jesporta jitolbu hekk."</td></tr>
</table>

ANNESS IV

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 950/2006, ġiet miżjuda il-parti li ġejja:

"J. Annotazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 31b(1)(c):

— *bil-Bulgaru:*	Приложение на Регламент (ЕО) № 950/2006, допълнителна захар по СИП. Пореден номер [поредният номер се вписва съгласно приложение I]
— *bl-Ispanjol:*	Aplicación del Reglamento (CE) nº 950/2006, azúcar adicional AAE. Número de orden (insértese con arreglo al anexo I)
— *biċ-Ċek:*	Podle nařízení (ES) č. 950/2006, dodatečný cukr podle dohody o hospodářském partnerství. Pořadové číslo (pořadové číslo vložte podle přílohy I)
— *bid-Daniż:*	Anvendelse af forordning (EF) nr. 950/2006, supplerende ØPA-sukker. Løbenummer [løbenummer indsættes ifølge bilag I]
— *bil-Ġermaniż:*	Anwendung der Verordnung (EG) Nr. 950/2006, zusätzlicher WPA-Zucker. Laufende Nummer [laufende Nummer gemäß Anhang I einfügen]
— *bl-Estonjan:*	Kohaldatakse määrust (EÜ) nr 950/2006, majanduspartnerluslepingute alusel tarnitav lisasuhkur. Järjekorranumber [lisatakse vastavalt I lisale]
— *bil-Grieg:*	Εφαρμογή του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 950/2006, πρόσθετη ζάχαρη ΣΟΕΣ: αὐξων αριθμός [συμπληρώνεται ο αὐξων αριθμός σύμφωνα με το παράρτημα I]
— *bl-Ingliż:*	Application of Regulation (EC) No 950/2006, additional EPA sugar. Order No [order number to be inserted in accordance with Annex I],
— *bil-Franċiż:*	Application du règlement (CE) nº 950/2006, sucre APE supplémentaire. Numéro d'ordre [numéro d'ordre à insérer conformément à l'annexe I]
— *bit-Taljan:*	Applicazione del regolamento (CE) n. 950/2006, zucchero APE supplementare. Numero d'ordine (inserire in base all'allegato I)
— *bil-Latvjan:*	Regulas (EK) Nr. 950/2006 piemērošana, papildu EPA cukurs. Sērijas Nr. (sērijas numurs ir jāievieto saskaņā ar I pielikumu)
— *bil-Litwan:*	Taikomas Reglamentas (EB) Nr. 950/2006, papildomas EPS cukrus. Eilės numeris [eilės numeris įrašytinas pagal I priedą]
— *bl-Ungeriż:*	A 950/2006/EK rendelet alkalmazása, kiegészítő GPA-cukor. Tételszám [a tételszámot az I. mellékletnek megfelelően kell beilleszteni]
— *bil-Malti:*	Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 950/2006, zokkor addizzjonali tal-EPA. Nru ta' l-Ordni [numru ta' l-ordni li jrid jiddaħħal skond l-Anness I]
— *bl-Olandiż:*	Aanvraag in het kader van Verordening (EG) nr. 950/2006, aanvullende EPO-suiker. Volgnr. [in te vullen overeenkomstig bijlage I]
— *bil-Pollakk:*	Zastosowanie rozporządzenia (WE) nr 950/2006, dodatkowy cukier z umów o partnerstwie gospodarczym. Numer porządkowy [numer porządkowy zostanie wpisany zgodnie z załącznikiem I]
— *bil-Portugiż:*	Aplicação do Regulamento (CE) n.º 950/2006, açúcar APE suplementar. Número de ordem [número de ordem a inserir de acordo com o anexo I]
— *bir-Rumen:*	Aplicarea Regulamentului (CE) nr. 950/2006, zahăr APE suplimentar. Nr. de ordine [se introduce numărul de ordine în conformitate cu anexa I]
— *bis-Slovakk:*	Uplatňovanie nariadenia (ES) č. 950/2006, dodatočný cukor podľa DHP. Poradové č. [poradové číslo sa vkladá podľa prílohy I]
— *bis-Sloven:*	Uporaba Uredbe (ES) št. 950/2006, dodatni sladkor v okviru sporazuma o gospodarskem partnerstvu. Zaporedna številka: [vstaviti zaporedno številko v skladu s Prilogo I]
— *bil-Finlandiż:*	Asetuksen (EY) N:o 950/2006 soveltaminen, talouskumppanuussopimuksen mukainen lisäsokeri. Järjestysnumero [lisätään järjestysnumero liitteen I mukaisesti]
— *bl-Iżvediż:*	Tillämpning av förordning (EG) nr 950/2006, tilläggssocker enligt ekonomiskt partnerskapsavtal (EPA). Löpnummer [löpnummer ska införas i enlighet med bilaga I]."